# MANANNI

Ħerġin wara l-quddiesa tal-għaxra mill-Knisja tal-Bambina tliet xbejbiet waqfu jitħaddtu fil-bieb. Tan-nofs kienet tfajla rqiqa, ħafifa, imqaċċta, għajnejha suwed jibru mad-daħqa ħelwa ta' fommha. Lbiesha kien rżin bla ebda ħiema, jidher li kienet tħobb tilbes dak li jixirqilha bla ma taħseb li tkun agħar mill-oħrajn. Fil-kantuniera tan-niżla, xi ġuvintur kienu qishom miġbura biex jitgħaxxqu bin-nisa sbieħ ħerġin mill-Knisja.

—"F'dawn l-erbagħ snin li domt barra", qal wieħed minnhom, "sirt donni ma nagħrafx aktar in-nies. Dik ix-xbejba tan-nofs tixbaħ lil Mananni bint kaptan Venanz."

—"Hi, kollha kemm hi" qabeż sieħbu.

—"Ma kienitx iżżewġet ma' Dedu, bin Kalanġ il-gadraj? Niftakar li kienu dejjem flimkien.

—Hekk hu, imma dak iż-żwieġ ma seħħx.

—Kellu l-ħila jitlaqha wara li nedieha ma' l-Isla kollha?

— Mhux minnu naqas, hi telqitu.

—U dan l-għala? Dedu tifel sewwa u flus għandu kemm irid. X'ġara?

—Ara fi ftit kliem x'ġara sewwa... Dedu, wasal żmien li semmielha ż-żwieġ u hi donnha ma tatux widen. Fl-aħħar kitbilha li jrid kelma soda għax iridha b'martu.

Mananni wiġbitu bla telf ta' żmien li xtaqet wisq li titħallat ma' bniedem bħal Dedu imma tħoss li għandha żżomm il-fehma ta' ommha li mita wieħed jasal biex jiżżewweġ għandu jżomm f'moħħu li l-ħarifa ma titħallatx mar-rebbiegħa. U għal daqstant minn qalbha l-barra ma tistax ħlief tgħid "lè".

—Dedu ried l-art tibilgħu malli qara dan u ma satax jifhem x'kellha x'taqsam ir-rebbiegħa u l-ħarifa maż-żwieġ tagħhom u telaq minnufih jistaħreġ ma' wieħed minn ħbiebu.

—Ħabibu fehemha malajr id-daqqa u staqsieh jekk jew willa hu kienx imdaħħal fiż-żmien aktar minn Mananni, jew Mananni aktar minnu.

—Din qatt ma ġiet f'rasi. Jien naf li għalaqt il-għoxrin ilu

ftit u naħseb li Mananni m'hix aktar imdaħħla fiż-żmien minni.

—"Hawn qiegħda l-imma", qal ħabibu, għax Mananni naħseb li trid tfisser li mita l-għarajjes ma jkunux qrejjen il-għawwar jinqala' dejjem. Taf int wara l-ħuġġieġa tal-għarusija, min ikun għadu fuq tiegħu ma jibqax jaħseb bħal min jibda jinbitlu xi għaqqux u kulħadd ikollu jibda jaħseb għal rasu. Għalhekk naħseb jien, li Mananni ma tridx illi int tkun għadek ferħan bir-rebbiegħa, kollok nwar u xemx u frugħa għax qrib lejn is-sajf, tinsa li għandek il-mara li qalbet għal ħarifa li ġġib magħha riħ biered u tiddallam u taħseb għax-xitwa. Għax naħseb li Mananni xammet it-tletin sena u bil-ħsieb tisbqek fil-wisa.

Dedu ħabat jisbel ghax ħalef li dan ma kien ikun qatt għax hu jħobbha lil Mananni u raġel biżżejjed biex ma jonqosha qatt minn xejn, l-anqas mill-qima li għandu lejha.

—Jien għidtlek x'naħseb fuq li għidtli, qallu l-ħabib, issa mur tkellem ma' zijuk ix-xiħ u ara jaħsibhiex aħjar minni.

—Mar Dedu għand zijuh l-avukat Musu u qallu bit-tfixkil li kien jinsab fih.

—Ibni, qallu l-avukat, iżżiħajr lis-sema li laqqgħek ma' mara li tħobbok tassew u li għandha rasha f'lokha, għax ma ssibx tifla oħra li ma tarax ħlief flusek. Isma minni. Għandek dak il-barbazzar tal-gran spinat li ħallietlek in-nanna Rożolija. Qartsu f'kaxxa żgħira u ikteb lil Mananni żewġ kelmiet biss. "Għażiża Mananni, nara li tħobbni tabilħaqq u lili ma tridx tarani mħabbat u mkasbar. B'xhieda tal-ħbiberija tagħna żomm din it-tifkira ta' l-imħabba tagħna u ftakar li jien ma ninsiek qatt."

Hekk sar. Dedu għadu għażeb u jgħaddi ħajja fiergħa kif jaf kulħadd. Mananni, kif tara, għadha xebba, ferħana dejjem u tagħmel madwarha l-ġid kollu li tista' għax ma jonqosha xejn.

T. Z.